**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Lulju 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 41/2012JVC**

**John Muscat f'ismu proprju u ghan-nom ta' huh l-imsiefer Saviour Muscat**

**vs**

**Maria Dolores Muscat; Carmela sive Nina Attard; Andrew Muscat; Carmelo Muscat u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2012 Maria Dolores Muscat giet nominata sabiex tirraprezenta lill-imsiefra Salvina Muscat**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi illi ppremettew:

1. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) mietet Maria Mercieca armla ta' Anthony Mercieca, bint Salvatore Muscat u Giuseppa nee' Vella, kienet imwielda u residenti Nadur, Ghawdex u kellha karta tal-identita' numru 68024G u dana skont kif jidher mic-certifikat tal-mewt taghha li qed jigi hawn annessa bhala Dokument 'A';

2. Illi mir-ricerki testamentarji illli saru fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u fir-Registri Pubblici ta' Malta u Ghawdex, li kopja taghhom qed tigi annessa bhala Dokument 'B' u 'C' rispettivament, jirrizulta illi Maria Mercieca rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro datati disgha (9) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) li kopja taghhom qed tigi annessa u mmarkata bhala Dokument 'D' u 'E' rispettivament;

3. Illi fost affarijiet ohra permezz tat-testmenti taghha Maria Mercieca nnominat bhala eredi universali taghha lill-partijiet kollha ta' din il-kawza u dana skont l-hames artikolu tat-testment taghha datat 9 t'Ottubru 2004.

4. Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tat-tmienja u ghoxrin (28) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-istess Maria Mercieca ttrasferiet b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard is-sehem indiviz taghha minn diversi proprjetatjiet immobbli, li d-dettalji taghhom jidhru mill-kopja tal-kuntratt li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'F';

5. Illi din id-donazzjoni saret bil-patt u l-kundizzjoni espressa li Maria Mercieca tibqa' tgawdi l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha donati sal-gurnata tal-mewt taghha u specjalment fuq il-fond fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex u bid-dritt li tibqa' tgawdi l-oggetti mobbli kollha fl-istess fond, u bil-fakolta' sa mewtha li ddahhal lil kwalunkwe

persuna ben vista ghaliha minghajr xkiel jew interferenza mill-akkwirenti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard;

6. Illi in oltre din id-donazzjoni saret bil-patt u bil-kundizzjoni illi l-akkwirenti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard personalment jew permezz tal-familjari taghhom jew ta' terzi persuni ben vista ghal Maria Mercieca, jiehdu hsiebha sa mewtha u jirrendulha dawk il-kuri, servigi u assistenzi kollha li jkollha bzonn sal-gurnata tal-mewt taghha u jghinuha finanzjarjament f'kaz ta' bzonn u ma jirrikoverawhiex f'xi sptar tax-xjuh jew ospizju ghall-anzjani sa perjodu itwal minn dak necessarju u skont il-parir tat-tabib kuranti taghha;

7. Illi fil-fatt il-konvenuti ma ottemperawx ruhhom ma' dawn il-kundizzjonijiet espressi u ma rrendewx il-kuri, servigi u assistenzi kollha li Maria Mercieca kellha bzonn matul hajjitha;

8. Illi barra minn hekk Maria Mercieca lanqas ma thalliet tgawdi l-fond fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex minghajr xkiel u nterferenza u dana peress illi hija kienet tibza ddahhal nies ben visti minnha fil-fond tar-residenza taghha;

9. Illi in oltre l-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard lanqas ma hallew lil Maria Mercieca tgawdi l-fond imsemmi u fil-fatt huma kienu qatghu diversi servizzi minn dan il-fond bhal per ezempju dak tat-telefon;

10. Illi ghalhekk il-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard kissru l-pattijiet u l-kundizzjonijiet maghmula lilhom fil-kuntratt ta' donazzjoni datat tmienja u ghoxrin (28) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ghalhekk din id-donazzjoni ghandha titlef l-effett taghha u l-kuntratt relattiv ghandu jigi annullat;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt datat 28 t'Ottubru 2008 maghmul fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro huwa null u bla effett, stante illi l-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard, akkwirenti fuq il-kuntratt naqsu milli jottemperaw ruhhom mal-kundizzjonijiet espressi fl-istess kuntratt u konsegwentament tordna illi l-proprjetajiet trasferiti lilhom permezz tal-istess kuntratt ghandhom jghaddu fuq l-atturi u l-konvenuti kollha fi kwoti wgwali u ndivizi bejniethom bhala eredi tal-istess Maria Mercieca;

(ii) Tordna ghalhekk, ir-rexissjoni tal-istess kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

(iii) Tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att ta' rexissjoni opportun u tahtar kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci filwaqt li tipprefiggi l-jum, il-hin u l-lok ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att ta' rexissjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha illi eccepew:

1. Illi fuq linja preliminari, qabel xejn John Muscat irid jaghti prova tal-mandat illi huwa ghandu sabiex jagixxi b'din il-kawza ghan-nom ta' Saviour Muscat.

2. Illi wkoll fuq linja preliminari l-atturi f'din il-kawza qabel ghandhom jesebixxu kopja tad-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment causa mortis maghmula minnhom fir-rigward ta' l-eredita' ta' Maria Mercieca. Altrimenti din il-kawza la tista' tissokta u wisq anqas tirnexxi. Dan ai termini ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi wkoll fuq linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din, tezisti kawza ohra pendenti quddiem din il-Qorti, fl-ismijiet Carmelo Muscat vs John Muscat (Rik 75/2011) fejn qed jintalab illi jigi dikjarat illi l-atturi odjern iddekadew mid-drittijiet ereditarji kollha tad-decujus Maria Mercieca, stante illi kisru l-obbligi mposti fuqhom fit-testment ta' l-istess Maria Mercieca. Ghaldaqstant din il-kawza li l-atturi qed jaghmlu qua allegati eredi ta' Maria Mercieca, ma tistax timxi oltre, qabel ma tigi deciza l-kawza l-ohra fis-sens qabel jigi deciz jekk l-atturi humiex eredi jew le. Ghalhekk qed tintalab is-soprasessjoni f'din il-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-kawza ma tistax timxi minghajr l-kunsens ta' l-eredi l-ohra ta' Maria Mercieca.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel talba ma tistax tregi ghaliex l-kuntratt tat-28 ta' Ottubru 2008 ma huwiex null u bla effett, u anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kien hemm xi kondizzjoni li giet miksura din ma timportax in-nullita kontrattwali izda se mai twassal ghall-konsegwenzi ohrajn.

6. Illi fil-fatt it-talbiet kif inhuma mpostati ma jistghux iregu.

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard, dejjem osservaw skrupolozament l-obbligi taghhom kif assunti fil-kuntratt citat; dejjem kienu ta' assistenza, ghal Maria Mercieca, u dejjem urewha rispett. Di piu qatt ma kisru xi obbligazzjoni la kontrattwali u lanqas naturali fil-konfront ta' Maria Mercieca.

8. Illi Maria Mercieca dejjem gawdiet l-proprjeta' taghha u l-uzufrutt illi kellha sal-massimu li riedet jew kellha bzonn hi minghajr interferenza ta' hadd.

9. Illi l-konvenuti Andrew Muscat, Carmelo Muscat u Salvina Muscat, ma humiex il-leggittimu kontraditturi u ghandhom ghalhekk jigu liberati minn l-osservanza ta' dan il-gudizzju.

10. Illi din ir-risposta qed issir mill-konvenuti kollha u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Maria Dolores Muscat li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti fl-eccezzjonijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits, dokumenti, xhieda u l-provi kollha esebiti fl-atti

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Marzu, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-partijiet kollha huma seba' ahwa minn disgha li ghadhom hajjin u li jigu lkoll in-neputijiet ta' Maria Mercieca armla ta' Anthony Mercieca llum mejta. Il-kawza odjerna nfethet minn zewg ahwa fil-konfront tal-hames ahwa l-ohra izda principalment tikkoncerna lill-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela sive Nina Attard stante li permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu li tigi annullata donazzjoni ta' proprjeta' mmobbli favur taghhom mid-decujus Maria Mercieca. F'kaz li t-talba attrici tintlaqa' din il-proprjeta' mmobbli terga' tidhol fl-

eredita ta' Maria Mercieca u tinqasam bejn il-partijiet kollha stante li huma lkoll gew nominati eredi ta' l-istess Maria Mercieca.

Illi dwar it-testmenti ta' Maria Merceica ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment datat 9 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Vella Magro (fol. 16) u addenda ghall-istess permezz ta' testment datat 25 ta' Jannar, 2005 ukoll fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Vella Magro (fol. 21). Permezz tat-testmenti taghha Maria Mercieca nnominat il-partijiet kollha f'din il-kawza bhala eredi universali taghha filwaqt li halliet bhala prelegat lil Maria Dolores Muscat u Carmela Attard id-dar taghha bl-indirizz 89, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex suggett ghal xi kundizzjonijiet relatati ma' servigi, kuri u assistenza li l-istess kellhom irendu lil Maria Mercieca.

Jirrizulta izda li l-istess fond imsemmi fit-testment ta' Maria Mercieca flimkien ma' bosta proprjeta' mmobbli ohra gew mghoddija *inter vivos* permezz ta' donazzjoni minn Marija Mercieca lil Maria Dolores Muscat u Carmela Attard permezz ta' kuntratt fl-atti wkoll tan-Nutar Dr. Maria Vella Magro datat 28 ta' Ottubru, 2008 (fol. 21). Din id-donazzjoni saret lill-konvenuti msemmija taht pattijiet u kundizzjonijiet specifikati fl-istess kuntratt fosthom is-segwenti:

*'3. Bil-patt u kundizzjoni espressa illi d-donatrici ghandha d-dritt ta' uzu u uzufrutt tal-proprjetajiet kollha oggett ta' dana l-att, in partikolari tal-fond fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex ghal matul hajjitha kollha, u bid-dritt ta' tgawdija ta' l-oggetti mobbli kollha a limine intus fl-istess fond, u bil-fakolta illi sal-mewt taghha tkun tista' iddahhal lil kwalunkwe persuna ben vista ghaliha minghajr*

*xkiel u/jew interferenza mill-akkwirenti, mill-kumplament il-fond huwa liberu u frank u bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu.'*

*4. Bil-patt u kundizzjoni illi l-akkwirenti huma personalment u/jew permezz tal-membri tal-familja taghhom u/jew terzi persuni ben vista ghad-donatrici jiehdu hsieb id-donatrici sa mewtha u jirrendulha dawk il-kuri u servigi u assistenzi li ghandha u li jkollha bzonn sal-gurnata tal-mewt taghha kif qed jaghmlu s'issa u jghinunha finanzjarjament f'kaz ta' bzonn peress illi d-donatrici lanqas ghandha pensjoni, u ma jirrikoverawhiex f'xi istitu, sptar tax-xjuh jew ospizju ghall-anzjani, sakemm ma jkunx necessarju ghall-beneficcju tad-donatrici u ghall-perjodu li jkun necessarju skont il-parir tat-tabib kuranti.'*

Illi pemezz tal-kawza odjerna l-atturi qed isostnu li l-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela sive Nina Attard ma ottemperawx ruhhom mal-kundizzjonijiet espressi minn Maria Mercieca u ma rrendewx il-kuri, servigi u assistenzi kollha li Maria Mercieca kellha bzonn matul hajjitha kif ukoll ma hallewhiex tuza l-fond residenza taghha b'mod liberu kif impost b'konsegwenza ta' hekk, l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-kuntratt datat 28 t'Ottubru, 2008 huwa null u bla effett u tordna r-rexissjoni tal-istess.

Illi apparti xi eccezzjonijiet procedurali u legali, fil-mertu l-konvenuti Maria Dolores Muscat, Carmela Attard flimkien ma' huthom l-ohra konvenuti wkoll eredi ta' Maria Mercieca jikkontestaw l-allegazzjoni tal-atturi li Maria u Carmela ma ottemperawx ruhhom mal-kundizzjonijiet imposti fuqhom fil-kuntratt ta' donazzjoni w'ghaldaqstant jitolbu li din il-Qorti tichad it-talbiet attrici.

Illi jigi notat li t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti gew sorvolati stante li fil-mori l-atturi gew konfermati eredi ta' Maria Mercieca fil-kawza 75/2011 u dan kif dikjarat a fol. 39 tal-process.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-prova tal-mandat ta' Saviour Muscat il-Qorti tqis li l-fatt li Saviour Muscat xehed f'dawn il-proceduri ghandu jitqies li huwa kkonferma l-mandat moghti lil John Muscat sabiex tinfetah il-kawza odjerna. Ghalhekk anki l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata.

Illi fir-rigward tar-raba' eccezzjoni tal-konvenuti fejn jigi eccepit li l-kawza ma tistax timxi minghajr il-kunsens ta' l-eredi l-ohra ta' Maria Mercieca jirrizulta li l-atturi harrku fil-kawza lill-eredi kollha bhala konvenuti w'ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tregix u ser tigi michuda. Isegwi li d-disa' eccezzjoni tal-konvenuti tikkontradixxi dak li huma stess eccepew fir-raba' eccezzjoni. Id-disa' eccezzjoni ssostni li l-konvenuti Andrew Muscat, Carmelo Muscat u Salvina Muscat m'humiex il-legittimu kontraditturi fil-kawza odjerna u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Kif gia nghad din l-eccezzjoni tikkontradixxi r-raba' eccezzjoni fejn appuntu l-bzonn tal-kunsens tal-eredi kollha u fin-nuqqas tieghu jirrikjedi bilfors li jigu mharrka fil-kawza l-eredi kollha kif fil-fatt sehh. Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad id-disa' eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi fir-rigward tal-hames eccezzjoni l-Qorti tqis li din ghandha tigi deciza wara li tkun ikkunsidrat il-mertu tal-kawza fis-sens wara li jigi deciz jekk hux minnu li l-konvenut Maria Muscat u Carmela Attard ma

ottemperawx ruhhom mal-kundizzjonijiet mposti fuqhom fil-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni.

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad li fl-istess kuntratt ta' donazzjoni li jgib id-data tat-28 ta' Ottubru, 2008 hija l-istess donatrici Maria Mercieca li tiddikjara li sa dakinhar il-konvenuti Maria Muscat u Carmela Attard kienu fil-fatt qed irendulha kuri, servigi u assistenzi li kellha bzonn u dan permezz tal-uzu tal-kliem '**kif qed jaghmlu s'issa'.** F'dan ir-rigward allura l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li l-prova dwar dawn il-kuri, servigi u assistenzi hemm bzonnha f'dawn l-atti mid-data tal-kuntratt ta' donazzjoni sa mewt id-decujus li sehhet madwar seba' xhur wara nhar il-25 ta' Mejju, 2009. L-istess ghandu jinghad ghall-kundizzjonijiet imposti fil-paragrafu tlieta tal-pattijiet u kundizzjonijiet stante li dawn appuntu gew imposti fuq il-konvenut Maria Muscat u Carmela Attard dakinhar tal-kuntratt datat 28 ta' Ottubru, 2008. Illi izda l-Qorti taghmilha cara li nonostante li qed jigi dikjarat dan hija bl-ebda mod ma qed timplika li qabel din id-data l-konvenuti Maria Muscat u Carmela Attard ma kienux jipprestaw ammont ta' kuri, servigi u assistenzi lil Maria Mercieca.

Illi l-Qorti rat il-provi kollha mressqa fl-atti, fost ohrajn, kif isegwi:

1. Rat a fol. 49 l-affidavit tal-attur John Muscat fejn huwa jinsisti li zitu kienet b'sahhitha u ma kellhiex bzonn ghajnuna izda fl-istess hin jikkoncedi li t-tindif kienet taghmlu l-konvenut Carmela Attard izda skont hu Marija Mercieca kienet thallasha. Skont hu kienet l-istess Maria Mercieca li kienet taqtalu l-laring u tlestihulu biex jigbru. Il-konvenuta

Carmela Attard fil-kontro-ezami taghha tichad li hi qatt thalset tax-xoghol li kienet taghmel u wkoll tixhed li l-laring hi stess kienet taqtghu bil-lest biex jigbru huha l-attur nonostante li dawn ma kienux jitkellmu. L-attur jallega wkoll li ohtu Maria kienet tghajjat ma' Maria Mercieca imma fl-istess xhieda tieghu jghid li huwa kien imur ghand Maria Mercieca biss meta hutu ma kienux ikunu hemm allura l-Qorti tistaqsi kif jista' l-attur ikun jaf x'kienet taghmel ohtu meta ma kienx ikun hemm. Ghalkemm jallega li hutu kienu qataw it-telephone lil Maria Mercieca mill-kontro-ezami tieghu a fol. 205 et seq huwa jispjega li qattghulha n-numru tat-telephone tieghu u mhux qattghulha l-linja tat-telephone. Skont hu kienet Marija Mercieca li qaltlu li dawk li jmorru ghandha qattghulha n-numru tieghu izda hu ma rax dan l-att isehh. Jirrizulta li gimgha wara Maria Mericeca kienet ikkuntattjatu ironikament permezz tat-telephone (servizz li skont ir-rikors guramentat il-konvenuti qattghulha) u talbitu jerga' jaghtiha n-numru. Fil-kontro-ezami wkoll izid li huwa lil hutu bniet ma kienx ikellimhom u li anki l-attur l-iehor Salvu ma kienx ikellimhom. Jammetti wkoll li zitu Marija kienet taf li huwa ma kienx sew ma hutu. Dan jitfa dawl f'ghajnejn il-Qorti fuq il-kundizzjoni mposta mill-istess Maria Mercieca fil-kuntratt ta' donazzjoni u cioe' li hija setghet iddahhal lil kull min kien ben vist maghha fid-dar sal-mewt. Dan jevidenzja wkoll lill-Qorti li dakinhar tal-kuntratt ta' donazzjoni Maria Mercieca kienet taf ben tajjeb x'inhi taghmel tant li hadet kont tal-fatt li l-ahwa ma kienux jitkellmu izda zammet il-jedd li ddahhal lil min trid fid-dar.

A fol. 51 tal-process gie esebit affidavit ta' l-attur Savour Muscat pero' l-Qorti nnotat li dan l-affidavit ma giex debitament mahluf w'ghaldaqstant ma tistax tikkunsidrah bhala prova. A fol. 192 et seq tal-process izda sar

il-kontro-ezami tal-istess attur Saviour Muscat minn fejn johrog li huwa jghix l-Awstralja u ilu jaghmel hekk ghal dawn l-ahhar 45 sena. Ghalkemm jinsisti li hu kien ukoll jghin liz-zija Marija Mercieca fiz-zmien li jkun Malta, mistoqsi meta mietet jghid li zitu mietet 2004, 2005 jew 2006. Fil-fatt Maria Mercieca mietet fis-sena 2009. Dan xejn ma jimmilita favur dak li l-attur isostni li huwa kien ukoll jiehu hsieb li Maria Mercieca meta skont hu din mietet mill-anqas tliet snin qabel fil-fatt mietet. Jikkonferma wkoll li fl-ahhar sentejn ta' hajjitha huwa ma giex mill-Awstralja b'dana li certament ma jistax jitfa' dawl dwar x'kienu jaghmlu hutu l-bniet konvenuti fl-ahhar seba' xhur ta' hajjet Maria Mercieca u li huma x-xhur rilevanti ghall-kaz odjern.

2. A fol. 66 tal-process xehed gar ta' Maria Mercieca u cioe' Raymond Muscat li ghalkemm qatt ma dahal fid-dar jghid li huwa kien jara lil Maria Mercieca fil-gnien. Jikkonferma li fl-istess gnien kien jara lill-konvenuti Carmela u Maria jonxru. Jikkonferma wkoll li gieli ra lil Salvu l-attur. Stante li l-attur Saviour Muscat jikkonferma li fl-ahhar sentejn ta' hajjitha hu ma resaqx lejn Malta allura zgur li dan Raymond Muscat ma rax lil Salvu fid-dar ta' Maria Mercieca f'dawn l-ahhar sentejn.

A fol. 74 xehdet gara ohra Maria Sammut li kkonfermat li lill-konvenuta Carmela Attard kienet taraha tahsel fid-dar ta' Maria Mercieca u li lil Maria Muscat kienet taraha tmur tixtrilha u meta marida jgibulha t-tabib. Tghid ukoll li meta Maria Mercieca mardet hija kienet tara lil Carmela tahsel u lil Marija dejjem ghand zithom Maria Mercieca. Tikkonferma wkoll li gieli rat persuni ohrajn dehlin b'dana jevidenzja lil din il-Qorti li Maria Mercieca kienet libera li ddahhal lil min trid fid-dar.

A fol. 104 xehdet Margaret Portelli li ghalkemm kienet gara ta' Maria Mercieca ssostni wkoll li kienu hbieb sew. Hi tghid li ma kinitx taf li sentejn qabel mietet Maria Mercieca kellha stroke b'dana allura jfisser li l-effetti tal-istess ma tantx kienu visibbli fuq Maria Mercieca. Tikkonferma izda li fl-ahhar sentejn kienet tmur hi tara lil Maria Mercieca minhabba li ma kinitx tohrog. Tikkonferma wkoll li kienet tara lill-konvenuta Maria Muscat tixtrilha kollox (fol. 108). A fol. 109 tispjega li sa gimgha qabel ma mietet Maria Mucat kienet tinzel tiekol gol-kcina, kienet normali fid-diskors taghha u li kienet mara f'sensiha hafna sal-ahhar. Tikkonferma li kienu l-konvenuti Maria u Carmela li kienu jaghtuha daqqa t'id fil-facendi u ssostni li Maria kienet taghmlilha x-xirja kollox kienet tixtrilha meta ma baqghetx tista' taghmilha hi. Da parti taghha Carmela kienet taghmlilha l-facendi n-nofs ta' nhar ta' filghodu kollu u kienet issajrilha. U mhux filghodu biss kienet tkun ghandha anki filghaxija skont din ix-xhud. L-istess tghid ghal Maria Muscat li kienet taraha spiss hemm. Tikkonferma li sa fejn taf hi Maria Mercieca ma kinitx thallas lill-konvenuti ta' dak li kienu jaghmlu maghha.

Gar iehor Carmelo Cutajar a fol. 112 jikkonferma li kien jara lill-konvenuti Maria Muscat u Carmela Attard imorru ghand Maria Mercieca.

3. Xehdu wkoll diversi tobba fl-atti. A fol. 92 xehed Dr. Marvic Masini li kkonferma li ghalkemm Maria Mercieca kienet tbaghti minn kundizzjoni tal-qalb din kienet ikkontrollata bil-pilloli. Jikkonferma wkoll li hija qatt ma kienet rikoverata ghat-tul fl-isptar u li hija mietet fi zmien jumejn minhabba stroke. Bhala 'next of kin' tissemma' l-konvenuta Maria Muscat fil-file mediku ta' Maria Mercieca (ara fol. 102).

A fol. 132 xehed permezz ta' affidavit it-Tabib Salvino Galea fejn jghid li sa fejn jaf hu l-kundizzjoni ta' sahhet Maria Mercieca baqghet sew sal-ahhar ftit xhur ta' hajjitha. Jaf li lejn l-ahhar xhur beda jara wahda min-neputijiet fid-dar ta' Maria Mercieca izda jghid li lil Maria Muscat qatt ma nzertaha hemm. Jaf li kien hemm tifel li kien jorqod mal-istess Maria Mercieca. B'kontradizzjoni izda fil-kontro-ezami tieghu a fol. 162 et seq tal-process jghid li Maria Mercieca kellha nofs gisimha pparalizzat u li ma kinitx tohrog u bilfors xi hadd ried jixtrilha l-bzonnijiet taghha. Jaghraf lil Maria Muscat u lil Carmela Attard u jikkonferma li kien jiltaqa' ma' Carmela Attard fid-dar ta' Maria Mercieca. Dan ix-xhud kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fil-kontro-ezami tieghu jikkonferma li Maria Mercieca kienet qaltlu li d-dar ser tghaddiha lil Maria u Carmela.

A fol. 171 xehed Dr. Mario Saliba li kkonferma li Maria Mercieca kienet pazjenta tieghu bejn is-snin 2003 u l-2009 u jghid li huwa l-aktar li kien jinvista kien minhabba l-ferita li kellha f'sieqa. Jikkonferma li kienu jcemplulu Carmela Attard jew Maria Muscat biex imur, aktar kienet iccempillu Carmela u kienet hi li kienet issajrilha wkoll. Jishaq li hu dejjem ra lil Maria Mercieca f'sensiha tant li kien hemm drabi li anki kienet iccempillu hi stess biex imur. Jikkonferma li generalment kien ikun hemm Carmela jew Maria. Anzi jghid li Carmela kienet tiehu hsieb li hija tkun hemm meta jmur hu. Jixhed li Maria Mercieca ma kinitx 'bed ridden' u li kienet mara 'demanding'.

A fol. 181 et seq xehed Dr. Coronato Grech li kkonferma wkoll li Maria Mercieca mentalment kienet f'sikkitha. Jghid li hafna drabi li mar hu kienet tkun wahedha izda xi drabi kien ikun hemm il-konvenuta Carmela

Attard. Jghid izda li huwa ma kienx jaf li lil Maria Mercieca kienet ghaddhietha puplesija b'dana jevidenzja lil din il-Qorti li dan ix-xhud ma kienx it-tabib kuranti principali tad-decujus. Jixhed li sakemm dam jara lil Maria Mercieca sa ftit xhur qabel mietet hija kienet tmekkek fid-dar. Jghid izda li fl-ahhar hija kienet ibbieset hafna u jahseb li kellha l-ghajnuna. Isostni li hija dejjem kienet tkun nadifa u li d-dar kienet tidher li xi hadd jiehu hsiebha. Jikkonferma li mieghu Maria Mercieca kienet kapaci terga' tilbes wahedha.

4. A fol. 137 tal-process xehdet il-konvenuta Carmela Attard permezz ta' affidavit. F'dan l-affidavit hija tispjega kif ghamlet snin twal tippresta ghajnuna lil Maria Mercieca b'dana li l-aktar bzonn li kellha kienu l-ahhar sentejn ta' hajjitha minn meta kien taha l-attakk tal-qalb. Tispjega kif hija kienet tmur kuljum in-nofs ta' nhar ta' filghodu tahslilha d-dar, xi drabi tghinha tinhasel u ssajrilha. Tispjega wkoll li ohtha Maria Muscat kellha l-prokura ta' Maria Mercieca sabiex tohdilha hsieb l-affarijiet tal-bank u kienet taghmlilha x-xirja kuljum precett. Fil-kontro-ezami taghha a fol. 217 et seq tal-process hija tichad fuq domanda tal-atturi li qatt ghamlet zmien miggielda ma' Maria Mercieca u tichad li qaltilha biex thallilha kollox. Tikkonferma li kien hemm zmien li kienet tohodha l-bank bil-karozza izda kienet taghmel kollox Maria Mercieca stess u hi kienet biss tistenniha. Mistoqsija jekk Maria Mercieca kinitx taghmel il-facendi tad-dar a fol. 229 tghid kif isegwi:

*'Ma kinitx taghmel. Kienet toqghod bilqeghda fuq is-sodda u jien naghmlilha kollox u tigi tiekol fuq il-mejda u nlestilha fuq il-mejda.'*

A fol. 232 tkompli tghid:

*'Kont indum sa nofsinhar! Kemm kont indum. Imbaghad tiekol, u naghtiha, tiehu l-pilloli, imbaghad titla' fuq is-sodda. U kont immur. Kont immur naqra sad-dar u ccempilli kont inkun naqra, imbaghad nerga' immur. U filghaxija mhux ukoll.'*

Terga' tikkonferma li kienet issajrilha fid-dar taghha u dan minn meta miet ir-ragel taghha madwar erba' snin qabel, kuljum u li x-xirja ohtha Maria Muscat kienet tmur taghmlilha, kienet tmur kmieni bejn is-7.00a.m. u t-8.00a.m. Tinsisti li kienet taghmel il-gurnata hemm u ghamlet habta anki kienet torqod u kien hemm zmien kienet tghinha tinhasel. Mistoqsija direttament tghid li lill-attur Salvu Muscat qatt ma ratu hemm. Tichad li qatt qatghet xi telephone u tesprimi ruhha fis-sens li Maria Mercieca ma tantx kienet persuna li taqbad u tghidilha x'ghandha taghmel u ma taghmilx aktar kienet Maria Mercieca li kienet tikkmanda. L-istess jikkonferma huha l-iehor il-konvenut Andrew Muscat fil-konfro-ezami tieghu.

A fol. 140 tal-process tixhed permezz ta' affidavit Maria Dolores Muscat li bazikament tikkonferma dak kollu li qalet u xehdet ohtha Carmela Attard. Fil-kontro-ezami taghha fol. 266 et seq tal-process tikkonferma li sas-sena 2006 Maria Mercieca kienet tmur tixtri waheda (ara fol. 271).

A fol. 144 xehed il-konvenut l-iehor Andrew Muscat. Huwa jikkonferma x-xoghol u l-ghajnuna li kienu jaghtu hutu Maria Muscat u Carmela Attard lil Maria Mercieca u dan ghal numru ta' snin. Jikkonferma li kien

ibnu li kien jorqod ma' Maria Mercieca u li xi kultant din kienet taghtih xi flus talli jaghmel hekk. Jixhed li Maria Mercieca u r-ragel taghha tul hajjithom ghamlulu tajjeb bi flushom sabiex seta' jibda l-'business' tieghu. Dawn il-flus kienu ghadhom marbuta meta hija giet nieqsa izda hu ha hsieb li jigu liberati sabiex ikunu jistghu jinqasmu bejn il-werrieta. A fol. 291 isostni li sakemm dam haj ir-ragel ta' Maria Mercieca cioe' Anthony Mercieca dan ma kienx jiehu pjacir bin-nies. Jikkonferma wkoll li fl-ahhar sentejn apparti Maria Muscat u Carmela Attard hu u martu kienu jghinu wkoll lil Maria Mercieca:

*'Mela, jiena hsiltha kemm-il darba u nehhejtilha l-hmieg, jekk ma tafx. Li kien hemm bzonn ghamilnieh, jien u l-mara. U huti l-ohrajn kienu jixtrulha biex tiekol u jmorru jnaddfulha, dak li kien isir.' (fol. 296)*

Jinsisti li kien hemm drabi fejn Maria Mercieca kienet iccempel lilu, lil ohtu Maria u lil ohtu Carmela u lkoll tghidilhom li ser tmut u kienu jmorru t-tlieta li huma jigru biex jaraw x'qed jigri u kienu jisbuha sew (ara fol. 302). Dan biex jevidenzja kemm kienet persuna 'demanding' Maria Mercieca.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-atturi jsostnu li l-konvenuti Maria Muscat u Carmela Attard ma rrendewx il-kuri, servigi u assistenzi kollha li Maria Mercieca kellha bzonn tul hajjitha. Il-provi fl-atti jippruvaw bil-kontra. Jirrizulta mill-atti li l-konvenuta Carmela Attard kienet tqatta' parti l-kbira mill-gurnata taghha fid-dar ta' Maria Mercieca tnaddfilha, issajjar u tiehu hsiebha u

dan ghamlitu sa dakinhar li hija giet rikoverata l-isptar u mietet l-ghada. Fir-rigward ta' Maria Muscat din kuljum precett kienet tmur taghmel ix-xirja lil Maria Mercieca u jekk jerga' jinqalala' xi haga stante li kienet persuna 'demanding' hafna kienet anki terga' tmur filghaxija. Baqghet ukoll tiehu hsieb l-affarijiet ta' flus sad-data tal-mewt taghha. Kif ikkonfermaw bosta xhieda Maria Mercieca irnexxielha tibqa' tghix fid-dar taghha sad-data tal-mewt taghha u dan kien biss bl-ghajnuna tal-konvenuti Carmela Attard u Maria Mercieca li hadu hsieb li hi ma jonqosha xejn, li d-dar tkun nadifa, li persuntha tkun nadifa u li jkollha ikla shuna ta' kuljum.

Illi l-atturi jsostnu wkoll li Maria Mercieca lanqas ma thalliet tgawdi l-fond fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex minghajr xkiel u interferenza u dana peress li skont huma hija kienet tibza' ddahhal nies ben visti minnha fil-fond tar-residenza taghha. Dan assolutament ma giex ippruvat fl-atti. Anzi jirrizulta li Maria Mercieca baqghet tibghat ghal kull min riedet sal-ahhar ta' hajjitha. It-tobba kollha kienu jidhlu minghajr problemi kif ukoll il-hbieb taghha girien. Il-fatt li Maria Mercieca kienet toqghod attenta li ma tlaqqax lill-ahwa flimkien fid-dar taghha kienet se mai decizjoni ghaqlija taghha stante li kienet taf li ma kienux jitkellmu. Cio nonostante xorta wahda kienet tara li tibghat ghal kulhadd u tqassam li trid lil min trid anki laring mill-gnien. Tant kienet libera li taghmel li trid li baqghet sal-ahhar tibghat ghan-nies sabiex tghaddilhom id-donazzjonijiet li kienet maghrufa li thobb taghmel u dan minghajr ebda xkiel ta' xejn. L-istess attur Salvu Muscat jixhed li huwa kien imur fid-dar ta' Maria Mercieca tant li anki xi gara rawh hemmhekk. Anki l-attur l-iehor John Muscat

jikkonferma li huwa kien imur fid-dar ta' Maria Mercieca izda mhux meta jkun hemm hutu l-bniet.

Illi dwar l-allegazzjonijiet li l-konvenuti kienu jaqtghu t-telephone meta jcemplu l-atturi b'mod partikolari l-attur Salvu Muscat din il-Qorti ma tqisx li dan gie pruvat anzi minn dak li fehmet li kien il-karattru ta' Maria Mercieca l-Qorti tqis li kien ferm difficli li l-konvenuti jghidu jew jimponu xi haga fuq din il-persuna li baqghet tinsisti li kemm jista' jkun tibqa' indipendenti sal-ahhar nifs ta' hajjitha. Irrizulta in oltre mill-kontro-ezami tal-attur John Muscat li l-allegazzjoni ma kinitx li l-konvenuti nehhewlha s-servizz tat-telephone izda li xi hadd qatta' n-numru tat-telephone tal-attur John Muscat li wara gimgha rega' inghata lil Maria Mercieca wara li sahansitra hi stess ikkunttatjatu permezz ta' telefonata lil persuna li kienet tafu. Fi kliemu stess l-attur John Muscat ma rax hu personalment b'ghajnejh min allegatament qatta' n-numru tieghu minn fuq il-ktieb fejn kien imnizzel.

Illi in vista ta' tal-provi kollha fl-atti u l-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ma tqisx li l-atturi rnexxielhom jippruvaw sal-grad rikjest fil-ligi lil din il-Qorti li l-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard kissru l-pattijiet u l-kundizzjonijiet maghmula lilhom minn Maria Mercieca fil-kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Ottubru, 2008 w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi r-rikors guramentat odjern kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala sorvolati;

2. Tichad ir-raba' u d-disa' eccezzjoni tal-konvenuti;

3. Tilqa' s-sitt, is-seba' u tmien eccezzjoni tal-konvenuti u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

4. Stante c-cahda tat-talbiet attrici l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fil-hames eccezzjoni tal-konvenuti.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna li jirrizulta lil din il-Qorti li saret b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar stante li l-atturi kienu jafu ben tajjeb dak kollu li l-konvenuti Maria Dolores Muscat u Carmela Attard ghamlu mal-mejta Maria Mercieca, l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati unikament mill-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur